

## Il-Parlament Ewropew jiddikjara lir-Russja bħala stat li jappoġġa t-terroriżmu



Il-MPE jgħidu li l-forzi Russi qed jitterrorizzaw iċ-ċivili Ukreni @ UKRAINE\_YASUYOSHI-CHIBA\_AFP

- Ir-Russja qed twettaq delitti tal-gwerra u tuża “mezzi ta’ terroriżmu”
- Il-MPE jappellaw biex ir-Russja tkompli tiġi iżolata internazzjonalment
- L-għeluq u l-projbizzjoni fl-UE tal-istituzzjonijiet Russi affiljati mal-istat li jxerrdu l-propaganda
- Id-disa’ pakkett ta’ sanzjonijiet tal-UE kontra Moska jrid jitlesta

**Wara l-atroċitajiet imwettqa mir-reġim ta’ Vladimir Putin kontra ċ-ċivili Ukraini, il-MPE irrikonxew lir-Russja bħala stat li jappoġġa t-terroriżmu.**

Nhar l-Erbgħa, il-Parlament adotta risoluzzjoni dwar l-aħħar żviluppi fil-gwerra brutali tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-MPE jenfasizzaw li l-attakki u l-atroċitajiet intenzjonati mwettqa mill-forzi

Russi u l-prokuri tagħhom kontra ċ-ċivili fl-Ukraina, il-qerda tal-infrastruttura ċivili u ksur serji oħra tal-liġi internazzjonali u umanitarja jammontaw għal atti ta' terror u jikkostitwixxu delitti tal-gwerra. Fid-dawl ta' dan, huma jirrikonoxxu lir-Russja bħala stat li jappoġġa t-terroriżmu u bħala stat li "juża l-mezzi ta' terroriżmu".

## Hemm bżonn ta' qafas legali tal-UE

Peress li l-UE bħalissa ma tistax tinnomina uffiċjalment lill-istati bħala sponsors tat-terroriżmu, il-Parlament jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jistabbilixxu l-qafas legali xieraq u jikkunsidraw li jżidu lir-Russja fuq tali lista. Dan iwassal għal għadd ta' miżuri restrittivi sinifikanti kontra Moska u jkollu implikazzjonijiet restrittivi profondi għar-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja.

Sadanittant, il-MPE jappellaw lill-Kunsill biex jinkludi l-organizzazzjoni paramilitari Russa 'il-Grupp Wagner', il-141 Reġiment Speċjali bil-Mutur, magħruf ukoll bħala l-"Kadyrovites", u gruppi armati, milizzji u prokuri oħra ffinanzjati mir-Russja, fil-[lista ta' terroristi tal-UE](#).

## Iżolament akbar tar-Russja u ikkompletar tad-disa' pakkett ta' sanzjonijiet tal-UE

Il-Parlament jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tkompli tiżola lir-Russja internazzjonalment, inkluż fir-rigward tas-sħubija tar-Russja f'organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali bħall-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-MPE jixtiequ wkoll li jitnaqqsu r-rabtiet diplomatiċi mar-Russja, li l-kuntatti tal-UE mar-rappreżentanti uffiċjali Russi jinżammu għall-minimu assolut u li l-istituzzjonijiet Russi preżenti fl-UE, li huma affiljati mal-Istat u li jxerrdu l-propaganda madwar id-dinja jingħalqu u jiġu pprojbti.

Kontra l-isfond tal-atti dejjem jikbru ta' terror tal-Kremlin kontra ċ-ċivili Ukraini, ir-riżoluzzjoni tappella wkoll lill-Istati Membri tal-UE biex ilestu malajr il-ħidma tagħhom dwar id-disa' pakkett ta' sanzjonijiet kontra Moska. Il-MPE jridu wkoll li l-pajjiżi tal-UE jipprevjenu, jinvestigaw u jħarrku b'mod attiv kwalunkwe ċirkomvenzjoni ta' sanzjonijiet eżistenti u, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, jikkunsidraw miżuri possibbli kontra l-pajjiżi li jippruvaw jgħinu lir-Russja biex tevita l-miżuri restrittivi li diġà ġew implimentati.

Ir-riżoluzzjoni ġiet adottata b'494 vot favur, 58 kontra u 44 astensjoni.

Għal aktar informazzjoni dwar id-deżinjazzjoni ta' stati bħala sponsors tat-terroriżmu u oqfsa legali simili f'pajjiżi oħra, [iċċekkja l-aħħar informazzjoni mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew](#).

## Għal aktar informazzjoni

[It-test adottat ser ikun disponibbli hawn \(23.11.2022\)](#)

[Ara r-reġistrazzjoni filmat tad-dibattitu fil-plenarja \(18.10.2022\)](#)

[Stqarrija għall-istampa: Il-MPE jappellaw għal żieda massiva fl-assistenza militari lill-Ukraina, \(06.10.2022\)](#)

[Iċ-Ċentru Multimedjali tal-PE: ritratti, vidjo u materjal awdjo b'xejn](#)

## Kuntatti

---

Viktor ALMQVIST

Press Officer

☎ (+32) 2 28 31834 (BXL)

☎ (+33) 3 881 72420 (STR)

☎ (+32) 470 88 29 42

✉ [viktor.almqvist@europarl.europa.eu](mailto:viktor.almqvist@europarl.europa.eu)

🐦 [@EP\\_ForeignAff](https://twitter.com/EP_ForeignAff)

---